# IL-FRATELLANZA TAL-KUNĊIZZJONI FL-IMQABBA

Tagħrif storiku miġbur minn CHARLES FARRUGIA



Il-Fratellanzi għandhom storja tassew interessanti u importanti fl-iżvilupp soċjo-reliġjuż tal-ħajja Maltija. Tajjeb li wieħed jiftakar li l-fratellanzi huma l-eqdem ghaqdiet li għandna f"pajjiżna u fil-bidu kien jiġbru fihom lill-ħaddiema skond is-sngħajja tagħhom. Il-fratellanzi kienu jkunu dedikati lil xi qaddis jew qaddisa partikolari u fihom jipprofizzaw il-membri li jibdew igawdu minn ċertu privileġġi bħal indulġenzi u quddies għal-ruħhom wara il-mewt tagħhom. [1]
Id-devozzjoni lejn l-Immakulat Konċepiment ta' Marija hija devozzjoni antika u li ssawret ma' medda twila ta' żmien. Id-Domma ġiet solennement definita mill-Papa Piju IX, fit-8 ta' Diċembru, 1854. [2]

**It-talba tal-Poplu Imqabbi**
Din id-devozzjoni kienet ilha tinhass ġewwa l-Imqabba tant li l-artal tal-Kunċizzjoni kien ilu jeżisti sa mill-bidu tal-Knisja.[3] Saret talba lill-Isqof ta' dak iż-żmien Carmelo Giovanni Pellerano sabiex titwaqqaf il-Konfraternità tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din it-talba kienet saret minn Dun Salv Zammit, Dun Mikelanġ Magri, Dun Lawrenz Barbara, Dun Ġampatist Tortella, Dun Lawrenz Zammit u bosta nies oħra tar-raħal. [4]
L-Isqof talab il-fehma tal-kappillan Giacomo Tortella u ddelega lis-Saċerdot Francesco Uzzino sabiex jeżamina l-Istatut ta' din il-Kongregazzjoni ġdida. Minn naħa tiegħu il-kappillan Tortella ikkonferma li din il-Fratellanza kienet bżonnjuża u dwar ir-regolamenti tagħha qal hekk: "...is-sittax-il Statut u Regolamenti ...... huma meħtieġa ħafna għall-Konfraternità u għall-fratelli li fiha jinkitbu." (3 ta' Jannar 1772). [5]
Don Francesco Uzzino issottometta l-pariri tiegħu fis-16 ta' Jannar tal-1772 u ikkonferma l-istatut filwaqt li ipproppona xi artikli oħra. [6]

**Titwaqqaf il-Fratellanza**
Wara li ġiet konsiderata t-talba tal-Imqabbin flimkien ma' dawn is-sottomissjonijiet, l-Isqof Fra Carmelo Giovanni Pellerano waqqaf fil-parroċċa ta' l-Imqabba l-Konfraternità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fid-29 ta' Jannar 1772.[7]
Tliet snin wara, fl-1775,il-W. Rev. Abbati Giovanni Battista Raimondo Marchesi bħala Prokuratru tal-Konfrater-



*Il-Purċissjoni li saret mill-kappella ta' Santa Katerina sal-Knisja fis-17 ta' Novembru 1912, fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni ta' sitt artali. Fil-purċissjoni jidher l-Isqof Fr. Angelo Portelli O.P. u r-relikwi tal-qaddisin li tqiegħdu fis-sitt artali li ġew konsagrati jiġifieri: l-artal Maġġur, tar-Rużarju, ta' San Ġużepp, ta' San Pawl, tal-Agunija u tal-Kunċizzjoni.* [9]

nità, talab sabiex hija tiġi magħquda mal-Ven. Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni ta' San Lorenzo in Damasco (Ruma). Din it-talba ġiet milqgħuha fis-seduta tat-28 ta' Lulju tal-1775 u d-digriet ta' għaqda ġie ippublikat filparroċċa tal-Imqabba fl-24 ta' Settembru 1775 mill-kappillan Giacomo Tortella.
Din il-għaqda serviet sabiex l-imsieħba jibdew igawdu mill-indulgenzi ta' dinl-Arċikonfraternità,b'mod speċjali l-indulġenzi li kien ta l-Papa Pawlu V, f'digriet tal-5 ta' Lulu 1607.[8]

**Ħidmet il-Fratellanza**

Fi żmien il-kappillan Francesco Saverio Bonanno saru t-tliet standardi tal-Konfraternitajiet u l-bandalora. Dak tal-Kunċizzjoni ġie mħallas mill-fratelli tal-istess Konfraternità. Benefattur ieħor tal-Konfraternità Gio Maria Mallia ħallas l-ispejjeż biex sar l-irħam tal-artal tal-Kunċizzjoni.[10]
Il-Prokuratur tal-Fratellanza kellu diversi dmirijiet fosthom li jiġbor il-miżata mill-fratelli u li jagħmel rikorsi lill-Kurja f'isem il-fratelli. Fost dawn ir-rikorsi ta' min isemmi: dak li sar fit-22 ta' Settembru 1971 biex jinbidel irrakkmu tal-istandard u biex isiru fjuretti ġodda għal f uq l-artal, u fl-19 ta' Settembru 1972 biex isiru żewġ lanterni. Fl-1975 il-Fratellanza permezz tal-prokuratur talbet li jingħataw ċertu konċessjonijiet għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju tal-1976. Dan sar minħabba li l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju kienet ser tagħlaq mitt sena. Fil-fatt fl-4 ta' Diċembru 1975, Rev. Antonio Cefai kappillan tal-Arċisqof informa lill-kappillan tal-Imqabba li għaċ-Ċentinarju kien ser jippermetti li it-Tridu tal-Festa jibda mill-Erbgħa f'lok il-Ħamis u li Lejliet il-Festa issir "Te Deum".[11]
Il-prokuratur kellu wkoll l-inkarigu li jieħu ħsieb li jġib l-orkestra għall-Festi tal-Fratellanza jiġifieri tal-Kunċizzjoni u tal-Madonna tal-Ġilju. Hawn ta' minjgħid li l-mużika ilha issir għalbosta snin minn Maestro Frank Diacono. Issir ukoll il-Laudate bil-kor taż-żgħażagħ ħaġa li żgur li ferm għal qalb kull min iħobb il-mużika sagra.[12]
Fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju tal-1973 ġie mżanżan standard ġdid tal-Konfraternità wara li l-ieħor kientqatta filmaltemp ta' Awissu tal-1968. L-ispejjeż ġew imħallsa minn devoti tal-Madonna tal-Ġilju.[13]

Nistgħu nghidu li l-Fratellanza tal-Kunċizzjoni kienet forsi l-aktar waħda impennjata. Dan minħabba li riedet torganizza il-Festa tal-Ġilju waħida u ż-żminijiet mhux dejjem kienu sbieħ speċjalment wara l-Konċilju Reġjonali tal-1935.[14] Iżda ħarsa lejn l-indiċi ta' dawk kollha professati matul dawn l-aħħar mitt sena fil-Konfraternità tagħtina ideja ċara ta' kemm il-fratellanza kienet attiva. F'dan l-indiċi insibu l-ismijiet ta' 880 ruħ li fosthom 508 huma consorelle (nisa) u 372 huma confratelli.[15]
Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li l-ħajja ta' kull Fratellanza f'pajjiżna qed tmut. Bla dubju dan jgħodd ukoll għall-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Imqabba. Iċ-ċerimonja tal-ipprofessar fil-Fratellanza ilna ma narawha xi għaxar snin. Id-drawwa li meta jmut xi fratell jintrama l-istandard waqt il-funeral tiegħu inqatet ukoll. Hi ħasra li ħaġa bħal din inqgħatet għax b'hekk mhux biss naqas dak l-ispirtu reliġjuż iżda wkoll inqgħatet tradizzjoni sabiħa.


Noti u Referenzi

1. J. Boissevain, *Hal-Farruġ - A Village in Malta*, Amsterdam, 1968, p. 65.
2. J. Bezzina, *Religion and Politics in a Crown Colony*, Malta, 1985, p. 136.
3. L. Zammit, *Descrizioni storica tal-Cnisia Parrochiali tal-Imkabba*, Malta, 1927, p. 17.
4. Informazzjoni miġbura mill-ktejjeb *Privileġġi u dokumenti* li hu ġabra ta' dokumenti tal-Fratellanza. Dan il-ktejjeb kien inħareġ minn Dun Ġużepp Xuereb, prokuratur tal-Fratellanza ta' dak iż-żmien,p. 11.
5. *Ibid.*, p.13.
6. *Ibid.*, p. 15.
7. *Ibid.*, p. 16.
8. *Ibid.*, pp.18, 19.
9. L. Zammit, *op. cit.*, p. 21
Ir-ritratt ġie ġentilment mogħti mis-Sur Tony Terribile.
10. Din l-informazzjoni ġiet miġbura minn diversi dokumenti li kienu miżmuma għand il-prokuratur tal-Fratellanza. Preżentament dawn id-dokumenti qegħdin fil-pussess tal-awtur fejn qed jiġu indiċjati biex jintrefgħu fl-Arkivju tas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju.
11. *Ibid.*,
12. *Ibid.*,
13. *Ibid.*,
14. H. Ganado, *Rajt Malta Tinbidel Vol. II*, Malta, 1977, p. 63.
15. Indiċi tal-Fratellanza bl-isem *Indice Annualità V. Con. Imm. Concezione Micabiba*,preżentament għand l-awtur.




CHARLES FARRUGIA


# *Flowers for Celebrations*

Beautiful Arrangements for special occasions

BY

ALEXANDRA A. GRECH

Can be contacted at: "Passatemp", Mqabba By-Pass, Mqabba

**Tel: 685980**